RESPICE STELLAM, VOCA MARIAM



Esklussiva

# L-abbozz tal-Kunċizzjoni Tarxiniża

*Cleavon Vella*

Fost l-opri statwarji meqjuma b'għożża fil-Knisja Arċipretali ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien, apparti l-istatwa titulari tal-Annunzjata, tinstab statwa oħra Marjana li tirrappreżenta lill-Immakulata Kunċizzjoni. Din saret fil-kartapesta fl-1870 għall-Fratellanza tal-Kunċizzjoni mill-istatwarju ċelebri Carlo Darmanin (1825-1909). Saret fi żmien il-Kappillan Dun Paolo Lauron. Matul il-parrokat ta' Lauron (1864-1875) il-Parroċċa stagħniet bil-bosta hekk kif apparti l-istatwa tal-Kunċizzjoni, inġiebu wkoll il-kwadru titulari tal-Lunzjata kif ukoll is-sotto-kwadru tal-Madonna tad-Duttrina fl-1874, xogħol Pietro Gagliardi.

Bosta kienu l-ħsibijiet dwar l-istatwa tal-Kunċizzjoni. Kien hawn għidut li Darmanin kien ħejja abbozz għaliha, waqt li uħud kienu tal-fehma li l-istatwa saret mingħajr abbozz. Oħrajn kienu jaħsbu li Darmanin kien ħejja abbozz li, iżda, spiċċa ntilef jew inqered maż-żmien. Sal-lum dawn kienu kollha suppożizzjonijiet bla ebda bażi u jiġu fi tmiemhom hekk kif qed nippublikaw b'mod esklussiv l-abbozz tal-istatwa tal-Kunċizzjoni meqjuma f'Ħal Tarxien.

L-abbozz fin, pjuttost imdaqqas u dettaljat tal-istatwa jinsab għand familjari tal-istatwarju Darmanin u qatt ma deher fil-pubbliku. Grazzi għalhekk lil Vivienne Vella, li tagħha Carlo Darmanin huwa l-buż-buż-buż-nannu, tad-disponibbiltà u l-permess ġentili sabiex nippubblikawh.

L-abbozz tal-Kunċizzjoni jidher li hu spirat mill-istatwa tal-Kunċizzjoni li Mariano Girada (1771-1823) skolpixxa għall-Kolleġjata Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla (1796-1812). Il-qagħda tal-abbozz hi msejsa fuq l-istess pożizzjoni tal-istatwa Sengleana. Dan jista' jkun għal żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni hi li Darmanin twieled, trabba u għex fl-Isla, u allura żgur li kien familjari sew max-xbiha imponenti mill-isbaħ ta' Girada. It-tieni raġuni tista' tkun l-affinità li kien hemm bejn Ħal Tarxien u l-Isla, speċjalment meta tqis li bosta Tarxiniżi kienu jmorru l-Isla minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom fosthom dawk li kienu jbigħu l-ħalib fil-Kottonera. Jista' allura jagħti l-każ li xi talin minn dawn forsi kienu raw l-istatwa tal-Isla u tant għoġbithom li riduha t-tip tagħha.

Li hu żgur hu li Carlo Darmanin ħadem żewġ statwi oħra tal-Kunċizzjoni, waħda għall-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi (c. 1890), u oħra għall-Kolleġjata ta' San Pawl tar-Rabat (qabel l-1875). Jagħtu lemħa lil xulxin, iżda huma differenti mill-Kunċizzjoni ta' Ħal Tarxien u lanqas m'huma msejsa fuq il-Kunċizzjoni tal-Isla.

Analiżi ħafifa bejn l-abbozz u l-istatwa tirriżulta li l-Kunċizzjoni ta' Ħal Tarxien saret fuq rifless tal-abbozz tagħha. Hija fil-fatt *mirror image* tal-abbozz. Meta wieħed iqis dan kollu, jista' jagħti l-każ li dan mhux l-uniku abbozz li sar għall-Kunċizzjoni.

Hemm minn tal-anqas żewġ xogħlijiet li Darmanin ħadem żewġ abbozzi għalihom. Ewlieni fost dawn hu l-grupp statwarju ta' Kristu Salvatur f'Ħal Lija (1864). L-ewwel abbożż tas-Salvatur tqies li kien ser ikun kbir ħafna kieku kellu jsir statwa proċessjonali. Għalhekk Darmanin intalab jirrevedih u jagħmel abbozz ieħor. Simili seħħ fil-grupp statwarju ta' Kristu u s-Sammaritana li jintrama fil-festa ta' Ħal Lija, fejn Darmanin ħejja żewġ abbozzi, bil-figura tal-mara Sammaritana aktar mikxufa mill-oħra.

***Referenzi***


Battistino, V. (1993) Ħal *Tarxien*. Malta: Printwell.

Caruana, V. (2009) 'It-teknika tal-kartapesta Maltija u Carlo Darmanin' in *Kolleġjata Bażilika Sant'Elena Imperatriċi Awgusta – Programm Festa 2009*, pp. 66-70.

Debono, S. (2013) 'Mariano Girada: A Maltese Sculptor from Valencia' in Abela, J., Buttigieg, E. and Vassallo, C. (eds.) *Proceedings of History Week 2013*. Malta: The Malta Historical Society, pp. 119-132.

Zammit, W.L. (2006) 'Id-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni fil-Knisja Kolleġjata ta' San Pawl fir-Rabat' in *Il-Festi Tagħna (30) 2006*, pp. 53-67.